# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 10**

**Rikors numru 920/11 AE**

**Eden Hospitality Limited (C35719)**

**v.**

**S.I.T. Special Interest Travel Limited (C3754) u Intasun Holidays Limited u b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2015 l-Avukat Dr Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil Intasun Holidays Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata S.I.T. Special Interest Travel Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "SIT") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imqajmin mill-kumpanniji intimati u laqgħet it-talbiet attriċi billi

ikkundannat lill-intimati solidalment bejniethom iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf sitt mija u erbgħa u sebgħin euro (€ 53,674) rappreżentanti l-ħlas ta' servizzi turistiċi mogħtijin, flimkien mal-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena wara tletin (30) jum mid-data ta' kull kont li jissemma fir-rendikont Dok. AG9 a fol. 59 sa 73. Ikkundannathom ukoll iħallsu l-ispejjeż tal-kawża u ħalliet bla mittiefsa l-kwestjoni tal-ħlas ta' kummissjonijiet li jistgħu jkunu dovuti lil SIT mingħand il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata");

2. L-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> *"L-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' tlieta u hamsin elf sitt mija u erbgha u sebghin ewro (€53,674). L-azzjoni hi bazata fuq kuntratt bit-titlu Wholesale Agreement (fol. 7). Il-kuntratt jitratta dwar rati ta' hlas applikabbli ghal kmamar fil-lukanda Intercontinental matul il-perjodi li jissemmew fil-kuntratt. Il-kumpannija Intasun Holidays Limited (**Intasun**) hi kumpannija Ciprijota filwaqt li l-konvenuta l-ohra kienet ir-rapprezentant taghha f'Malta. Intasun kienet tibghat turisti li jipprenotaw maghha vjagg f'Malta, fil-lukanda Intercontinental.*
>
> *Fi klawzola 14 tal-kuntratt jinghad:*
>
>> *"In the event that this agreement is being signed by a local agent or representative on behalf of his principal, **the local agent or representative shall be deemed to be jointly and severally responsible and liable together with his principal for** the execution of all obligations under the agreement and **the payment of all money due to ICM**".*
>
> *"Fil-kuntratt jinghad li l-ftehim hu bejn il-kumpannija attrici u l-kumpannija konvenuta Intasun Holidays Limited u jinghad ukoll li f'Malta hi rapprezentata minn Special Interest Travel Limited (**SIT**). Il-kuntratt gie ffirmat minn Nadia Caruana ufficjal ta' SIT, li skond Anthony Rossi (direttur ta' SIT) kienet awtorizzata sabiex tiffirma kuntratti bhal dak (fol. 167). Ghall-attrici ffirma Jesmond Debono.*

*"L-uniku eccezzjoni tal-kumpannija estera hi li qabel Marzu 2010 ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici, u kellha x'taqsam mal-kumpannija konvenuta l-ohra. Din il-konvenuta ma ressqet l-ebda provi. Mill-atti hu evidenti li Intasun kienet qeghda tinghata servizz. Intasun kienet qeghda tibghat it-turisti biex jalloggaw fil-lukanda Intercontinental waqt il-btala taghhom f'Malta. Turisti li kienet qeghda tibghat fil-lukanda tal-attrici bis-sahha tal-kuntratt li SIT iffirmat ghaliha. Fl-atti hemm ukoll emails li juru li l-hlas kien ghadu ma sarx ghaliex Intasun kellha diffikultajiet finanzjarji.*

*"Mill-provi rrizulta li l-attrici kienet tibghat il-kontijiet lil SIT, li min-naha taghha kienet titlob il-hlas minghand Intasun. Intasun kienet thallas lil SIT li mbaghad thallas lill-attrici. L-arrangament ta' kif kienu jsiru l-affairjiet bejn SIT u Intasun hu res inter alios acta ghall-attrici gialadarba ma kenitx parti ghalih. Albert Galea, Financial Officer tal-kumpannija attrici, spjega: "L-invoices intbaghatu lis-socjeta SIT u mhux lil Intasun, kif dejjem isir. Din hi l-procedura li dejjem intuzat bejnietna, u l-hlas ghas-servizz prestat mis-socjeta taghna jsir lilna mill-SIT, li mbaghad tithallas jew tkun thallset diga' direttament mill-kumpannija estera skont il-ftehim li jkun sar bejniethom" (fol. 38).*

> *"Anthony Rossi xehed (ara affidavit a fol. 142-146) li SIT:*
> *"Dejjem fehemet li ma kenitx responsabbli ghal bad debts tal-attrici;*
> *"Qatt ma ffirmat ghan-nom ta' tour operator izda f'isimha proprju sabiex jigi registrat l-interess taghha fil-kuntratt;*
> *"Qatt ma giet mitluba mill-attrici sabiex tiffirma ghan-nom tat-tour operator. Dan jirrizulta wkoll mill-kuntratt stampat; "Li kieku InterContinental kellha l-intenzjoni tobbliga lil SIT thallas f'kaz li t-tour operator jonqos hija ma kienitx tistampa l-kuntratt b'spazju ghal firem separati tat-tour operator u SIT izda kienet tistampah billi tnizzel li SIT kienet qeghda tiffirma ghaliha u ghat-tour operator".*
> *"Fir-reservation vouchers li kienet tibghat lill-attrici kien jinghad li: "SIT is acting only as agent for the above mentioned Tour Operator. Payment will be effected on receipt from the Tour Operator referred to above and therefore* ***SIT is not assuming responsibility for payment unless it receives payment from the Tour Operator****". Vouchers li gew accettati mill-attrici tant li l-booking kien isir a bazi taghhom.*

*"Ghalkemm SIT qalet li ma ffirmatx il-kuntratt bhala agent ta' Intasun, il-qorti ma taqbilx. Il-kuntratt hu car fejn jipprovdi:*

> *"Agreement is between Intercontinental Malta for and on behalf of Eden Hospitality Ltd:*
>
> ***Company: Intasun Holidays Ltd of ……***
>
> ***Locally represented by:***
> ***Company: Special Interest Travel of Demajo House, 103, Archbishop Street, Valletta Malta****… ………".*

*"Mela hu evidenti li SIT iffirmat bhala l-agent tal-konvenuta l-ohra. Hu veru li l-klawzola 15 tipprovdi li:*

*"If a local agent or representative is signing the agreement on behalf of his principals there must be attached to the agreement a written authorization issued by the principal giving the necessary authorization to the local agent or representative";*

*"izda din il-klawzola hi favur il-kumpannija attrici. 'Il fatt li jidher li mal-kuntratt ma giex mehmuz tali dokument, ma jfissirx li SIT ma kenitx qeghda tiffirma bhala agent ta' Intasun. Tant SIT iffirmat il-ftehim bhala l-agent ta' Intasun li l-kuntratt ma giex iffirmat minn ufficjal ta' Intasun minkejja li fl-ahhar tieghu hemm spazju "For and on behalf of Intasun Holidays Ltd". Fin-nota ta' sottomissjonijiet SIT qalet li gialadarba hadd ma ffirma in rapprezentanza ta' Intasun, "…. Dak stipulat fil-klawsola 14 ma jistax jigi invokat fil-kaz odjern, stante li huwa pressupost indispensabbli ghall-applikazzjoni ta' dik il-klawzola firma ta' xi hadd in rapprezentanza tal-konvenuta Intasun". Pero' ma kienx hemm htiega li jiffirma xi hadd fejn hemm il-kliem: "For and on behalf of Intasun Ltd" ghaliex iffirmat Nadia Caruana, l-ufficjal ta' SIT li fil-kuntratt stess jinghad li f'Malta hi r-rapprezentant ta' Intasun. Hu evidenti li Nadia Caruana ma ffirmatx fl-ispazju fejn hemm il-kliem "For and on behalf of Intasun Holidays Limited" peress li hi ufficjal ta' SIT u personalment m'ghandhiex ir-rapprezentanza ta' Intasun. Il-qorti tosserva wkoll li fl-atti hemm kuntratt simili ghal dak meritu tal-kawza li SIT iffirmat fl-interess personali taghha (fol. 152-155). F'dak il-kuntratt ma tissemmix terza persuna bhala t-tour operator u l-ftehim kien bejn l-attrici u SIT direttament.*

*"Anthony Rossi xehed ukoll li kieku SIT giet mitluba tiffirma ghan-nom ta' Intasun, ma kenitx taccetta ghaliex: "… ma jaghmel l-ebda sens kummercjali li tissogra li jkollok thallas somom kbar ta' flus ghal 5% commission gross biss" (fol. 145). Kif tajjeb irrilevat l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet, dan l-argument ma jregix meta tqies li SIT kellha kull opportunita' li timponi l-kondizzjonijiet li jidhrilha li kienu mehtiega sabiex tizgura li ma tispiccax tohrog flus minn butha. Jekk ma haditx tali mizura trid twiegeb ghan-nuqqasijiet taghha.*

*"Ghalkemm Anthony Rossi xehed li SIT iffirmat il-ftehim peress li kellha nteress dirett minhabba l-kummissjoni li tircievi minghand l-attrici, pero' din ma tissemma fl-ebda parti tal-ftehim. Dan apparti li SIT kienet taghmel il-bookings bhala agent ta' Intasun. Fatt konfermat mir-reservation voucher li kienet tibghat SIT fejn fih jinghad li qeghda tagixxi bhala agent ta' Intasun.*

*"Hu veru li rrizulta li l-kuntratt a fol. 7 huwa standard form contract u gie redatt mill-attrici. Pero' gialadarba r-rapprezentant awtorizzata ta' SIT iffirmatu, SIT dahlet ghall-obbligu li jissemma fi klawzola 14 tal-kuntratt; pacta sunt servanda. Kien fid-dmir tal-ufficjali ta' SIT li qabel jiffirmaw*

*il-ftehim jaqrawh u jifhmuh. M'ghandux ikun li issa li giet invokata klawzola fil-kuntratt li ffirmat ghalih SIT, tipprova tahrab mir-responsabbilta' billi targumenta li l-kuntratt iffirmatu fl-interess personali taghha. Dan meta hu evidenti li l-kuntratt iffirmatu bhala r-rapprezentant ta' Intasun f'Malta.*

*"Ghal dak li jikkoncerna r-reservation voucher (ara fol. 147-150), il-qorti hi tal-fehma li:-*

*"(a) Id-dikjarazzjoni li hemm fil-qiegh tad-dokument (fol. 180) hi biss dikjarazzjoni unilaterali ta' SIT;*
*"(b) Jirrizulta li d-dokument kien jintbaghat fl-ufficcju tar-reservations li kienu jikkonfermaw il-booking permezz ta' email (ara fol. 181). Ma rrizultax li d-dokument kien jigi ffirmat. Inoltre ma rrizultax li l-ufficjali f'dan id-dipartiment kellhom l-awtorita' li jorbtu lill-kumpannija attrici jew li jibdlu l-kontenut ta' kuntratt. 'Il fatt li ma sar l-ebda kumment min-naha tal-impjegati ta' dan l-ufficcju ghad-dikjarazzjoni unilaterali ta' SIT ma jfissirx li b'daqshekk l-attrici tilfet jew irrinunzjat ghal jeddijiet taghha taht il-kuntratt. Ir-riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Peter Vella de Fremaux et vs Eagle Star (Malta) Limited*** *(9 ta' Novembru 2012) m'hijiex flokha ghaliex dak il-kaz kien jitratta offerta ta' hlas ghas-saldu li kienet giet accettata mill-kreditur meta rcieva l-hlas. Min-naha l-ohra fil-kaz in ezami l-prenotazzjonijiet li kienet qeghda taghmel SIT kienu regolati minn kuntratt li ma kellha l-ebda jedd li tvarja unilateralment. Id-disclaimer li SIT inkludiet fl-ahhar tar-reservation voucher ma setax ibiddel dak li kien miftiehem b'kuntratt. Dan apparti li rrizulta wkoll kif l-attrici kienet tohrog il-kontijiet f'isem SIT (Dok. AG3-AG6 afol. 53-56) u ma rrizultax li qatt irritornat lura dawn il-kontijiet jew li oggezzjonat ghal fatt li kienu qeghdin jinhargu f'isimha.*

*"Ghalhekk dawn id-dokumenti ma jistghux ikun ta' soljev ghad-difiza ta' SIT.*

*"SIT qalet ukoll li l-kuntratt hu milqut minn causa illecita ghaliex qieghed jipprospetta imghax ta' 9% fis-sena, meta l-ligi tikkontempla rata ta' imghax inqas. Paragrafu 9 jaqra:*

> *"All payments for accomodation of clients, for rooms allotted and not released or reserved and not timely cancelled will be made by the Provider not later than 30 days of receipt of the ICM invoice and in accordance with all terms of the invoice. In the event that payment is not effected by the Provider, within the stipulated 30 days, ICM will charge a 0.75% interest per month or part thereof until payment is received".*

*"F'dan ir-rigward Albert Galea xehed, Director of Finance tal-kumpannija attrici, xehed:*

> *"… gie allegat li kien hemm xi imghax kalkolat in eccess ta' dak li tippermetti l-ligi. Din ukoll hi allegazzjoni inveritiera, billi ma hux assolutament il-kaz li intalab xi imghax in eccess ta' 8% fis-sena" (fol. 41).*

*"Ghalhekk l-attrici qeghda tippretendi imghax bir-rata ta' 8% fis-sena rrispettivament ta' x'ighid il-kuntratt."*;

3. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-31 ta' Lulju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imfissra, SIT qalet li hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellata taħt żewġ aspetti (it-tifsira li l-ewwel Qorti tat lill-klawsoli rilevanti tal-ftehim mertu tal-każ, u n-nuqqas ta' evalwazzjoni korretta tal-effetti legali tal-prenotazzjonijiet kundizzjonati li kienu jseħħu bejn il-partijiet), u talbet li din il-Qorti tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija intimata l-oħra Intasun Holidays Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "IHL") u safejn laqgħet it-talbiet attriċi kontra dik il-kumpannija bl-imgħax kif imsemmi u bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess IHL; u (b) tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħha u safejn laqgħet it-talbiet attriċi kontriha u, minflok, tgħaddi biex wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, tiċħad it-talbiet attriċi kontriha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

4. L-appellata wieġbet għall-imsemmi appell fil-25 ta' Awwissu, 2014, f'liema Tweġiba u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li l-appell imressaq mill-imsemmija sentenza ma kienx jistħoqqlu jintlaqa' u li s-sentenza

appellata għandha tkun konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra SIT;

5. Billi IHL ma setgħetx tkun notifikata bl-atti tar-Rikors tal-Appell lanqas skond ir-Regolament Komunitarju 1393/07, b'degriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Awwissu, 2015, inħatru kuraturi deputati biex jidhru f'isimha f'dan l-appell[1];

6. Bi Tweġiba mressqa minnhom fis-16 ta' Settembru, 2015, il-kuraturi deputati maħtura biex jidhru għal IHL qalu li ma kinux edotti mill-fatti u għalhekk kienu qegħdin jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw tweġiba motivata f'każ u jekk isiru edotti mill-fatti;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-2 ta' Lulju, 2019;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 408 tal-proċess

10. Illi din hi kawża għal ħlas ta' servizzi ta' akkomodazzjoni f'lukanda bis-saħħa ta' ftehim miktub magħmul f'April tal-2009[2]. L-appellata li tmexxi l-lukanda fejn ingħatat l-akkomodazzjoni, fittxet lil IHL u lil SIT għall-ħlasijiet tal-akkomodazzjoni provduta li baqgħu ma tħallsux. L-ewwel Qorti sabet li kemm IHL u kif ukoll SIT kienu marbuta solidalment għall-ħlas mitlub u ikkundannathom biex iħallsu l-ammont mitlub lill-appellata, flimkien mal-imgħaxijiet. Il-biċċa l-kbira tal-kwestjoni bejn SIT u l-appellata kien dwar it-tifsir li kellu jingħata l-ftehim, u l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienu wkoll marbuta mat-tifsir xieraq li kellu jingħata lill-klawsoli rilevanti li dwarhom il-partijiet ma qablux;

11. Illi IHL ma appellatx mis-sentenza appellata u għalhekk, fil-konfront tagħha, l-istess sentenza saret ġudikat. SIT ukoll, fl-appell tagħha, titlob li s-sentenza appellata tkun konfermata safejn laqgħet it-talbiet attriċi kontra IHL;

12. Illi l-**aggravji tal-appellanti** mis-sentenza appellata huma tnejn: (a) li l-ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq tifsira ħażina tal-kuntratt mertu tal-każ; u (b) li l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-effetti legali tal-prenotazzjonijiet kundizzjonati li kienu jseħħu bejn il-partijiet. Il-Qorti se tgħaddi biex tqis dawn l-aggravji fl-ordni li ressqithom SIT;

[2] Dok "A", f'paġġ. 7 sa 11 tal-proċess

13. Illi SIT tfisser l-**ewwel aggravju** tagħha billi tgħid li l-ewwel Qorti ħaddmet ħażin ir-regoli aċċettati tat-tifsir tal-kuntratti u b'riżultat ta' hekk ikkundizzjonat in-natura vera ta' SIT fil-ftehim mertu tal-każ. Tibda biex tgħid li, minkejja l-kliem li ntuża biex tfisser il-preżenza tagħha fuq il-kuntratt (jiġifieri li kienet qiegħda tidher bħala r-rappreżentant lokali ta' IHL), dik id-dikjarazzjoni ma għandha l-ebda rilevanza għall-kwestjoni, billi mkien fil-ftehim ma kien qiegħed jingħad li hija kienet qiegħda tiffirmah f'isem IHL, u għalhekk il-kliem "*locally represented*" kien biss għarfien ta' stat ta' fatt. Hija tgħid ukoll li l-ftehim innifsu kien jgħid li biex hi titqies li kienet qiegħda tidher fuq il-kuntratt bħala aġent jew rappreżentant ta' ħaddieħor, ried ikun hemm mehmuża mal-ftehim awtoriżżazzjoni bil-miktub min-naħa tal-prinċipal[3], u ladarba ma kien hemm l-ebda kitba bħal din, SIT ma tistax titqies li hija dehret bħala aġent ta' IHL. Fit-tielet lok, tgħid li s-solidarjetà fir-rabta skond il-ftehim innifsu[4] kienet tgħodd biss fejn l-aġent jew ir-rappreżentant kien ikun qiegħed jidher "*on behalf of his principal*". Hija ttenni li fuq il-ftehim kienet resqet f'isimha biss, u ladarba l-appellata naqset li tħares kif imiss l-interessi tagħha fuq il-ftehim u ma tisħaqx biex titressaq awtoriżżazzjoni miktuba min-naħa ta' IHL, taqa' fuq l-appellata biss il-ħtija li ma nħalqitx is-solidarjetà fl-obbligazzjonijiet assunti minn IHL. Minbarra dan, hija żżid tgħid li tant ma kinitx resqet fuq il-ftehim bħala rappreżentant jew aġent

[3] Klawsola 15 tal-ftehim
[4] Klawsola 14 tal-ftehim

ta' IHL, li l-ftehim innifsu[5] kien jantiċipa x'jiġri jekk il-"*provider*" (IHL) tonqos li tibgħat lura kopja tal-ftehim iffirmat minnha fi żmien tletin (30) jum, u kif il-ftehim jitqies li daħal fis-seħħ xorta waħda mingħajr tali firma jekk kemm-il darba l-"*provider*" jagħmel prenotazzjonijiet fil-lukanda tal-appellata. SIT tirreferi wkoll għad-dikjarazzjoni li hija kienet daħħlet fir-"*reservation vouchers*" fejn kienet iddikjarat li hija kienet qiegħda taġixxi bħala aġent ta' IHL u li f'każ li IHL ma tħallashiex ma kinitx se tkun marbuta li tħallas lill-appellata. SIT tgħid li dik id-dikjarazzjoni kienet aċċettata bla riżerva mill-appellata u tfisser ukoll li kienet espressament qiegħda twarrab is-solidarjetà minn mar-rabtiet li IHL daħlet għalihom mal-istess appellata. Fl-aħħarnett tgħid li jekk wieħed isib li l-klawsola 14 tal-ftehim toħloq xi dubju, tali dubju jmissu jmur favuriha u mhux favur l-appellata, u dan bi tħaddim ta' regola tal-liġi dwar it-tifsir tal-kuntratti[6];

14. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju billi tgħid li bih SIT terġa' tipprova ġġib 'il quddiem l-istess argumenti li kienet issottomettiet quddiem l-ewwel Qorti u liema sottomissjonijiet l-ewwel Qorti ma qisitx li kienu mistħoqqa fid-dawl tal-provi mressqa u ċ-ċirkostanzi li fihom tħaddem il-kuntratt. L-appellata ġġib 'il quddiem argumenti, misluta minn provi mressqa fil-kawża, li jixhdu li SIT kienet daħlet fuq il-ftehim bħala aġent ta' IHL u kienet iffirmatu f'isem dik il-kumpannija. Issemmi wkoll li f'kuntratti oħrajn bl-istess kliem u kundizzjonijiet, SIT kienet dehret fl-

---

[5] Klawsola 16 tal-ftehim

[6] Art. 1009 tal-Kap 16

istess mod u qieset li kienet dehret f'isem u għan-nom tal-"*provider*" barrani u marbuta solidalment miegħu;

15. Illi din il-Qorti tqis li d-determinazzjoni tas-siwi tal-aggravju tiddependi sewwa mid-definizzjoni tas-sehem li SIT kellha fil-ftehim. L-ewwel Qorti qieset li SIT kienet dehret fuq il-ftehim bħala aġent ta' IHL u, skond l-istess ftehim, intrabtet magħha b'mod solidali għall-obbligazzjonijiet tagħha lejn l-appellata. SIT tisħaq li hija ntrabtet biss fl-interessi personali tagħha bħala l-parti li lilha kellha titħallas il-kummissjoni mingħand l-appellata għas-servizzi li l-appellata tkun tat lil IHL u li, f'kull każ, ma kinitx marbuta b'solidarjetà ma' IHL f'każ li din tonqos milli twettaq ir-rabtiet tagħha mal-appellata. Min-naħa tagħha, l-appellata tisħaq li kollox juri li SIT kienet aġent ta' IHL u li b'hekk intrabtet solidalment ma' IHL fl-obbligi tagħha;

16. Illi fl-ewwel lok, hija regola aċċettata li meta xiħadd jidher fuq kuntratt dan jitqies li jkun deher u ikkuntratta f'ismu, sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabbilit espressament mil-liġi jew mill-partijiet infushom fuq il-ftehim, jew jekk ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim[7]. Fit-tieni lok, il-liġi tqis li meta parti tintrabat f'kuntratt bħala aġent ta' persuna oħra hija għandha tfisser f'liema kwalità tkun qiegħda tidher f'dak il-kuntratt. Minbarra dan, wieħed irid jagħraf x'għamla ta' rappreżentanza jkun

[7] Art. 998 tal-Kap 16

qiegħed jassumi meta jersaq fuq kuntratt ma' parti oħra. Id-duttrina tgħallem li "*Si distingue pero' il caso in cui il rappresentante conclude il negozio in nome proprio dal caso in cui lo conclude in nome del rappresentato; nel primo caso si ha la rappresentanza indiretta, o interposizione (tra il terzo e il rappresentante) gestoria; nel secondo caso, rappresentanza diretta, e spedita del nome (del rappresentato). .. .. .. .. Gli elementi della rappresentanza diretta sono due: a) il potere rappresentativo, o procura; b) l'agire in nome del rappresentato (cd. contemplatio domini). .. .. La rappresentanza non crea un rapporto autonomo tra le parti, ma e' uno strumento che rende produttivo di particolari effetti giuridici nei confronti dei terzi il rapporto sottostante (o rapporto di gestione).*"[8];

17. Illi biex persuna titqies li għandha s-setgħa li tidher fuq kuntratt f'isem ħaddieħor, ma huwiex meħtieġ li dan isir b'kitba. Madankollu, tali setgħa trid tkun miftuħa, ċara u mhux ekwivoka u tkun mgħarrfa lill-parti l-oħra b'mod li tneħħi kull dubju li l-ftehim ikun qiegħed isir mar-rappreżentant f'isem u fl-interessi tar-rappreżentat (il-prinċipal). Iżda ukoll jekk dan jiġi ippreċiżat, ma hemm xejn kontra l-liġi li, mbagħad, min ikun deher fuq kuntratt f'isem ħaddieħor jintrabat miegħu ukoll f'dak li l-

[8] G. Alpa *Corso di Diritto Contrattuale* (2006) §§ 7.1 u 7.2, f'paġġ. 82 – 4

prinċipal ikun obbliga ruħu għalih. Dan joħloq dik li, fid-duttrina, hija magħrufa bħala solidarjetà passiva[9], li tħaddem il-prinċipji tal-mandat[10];

18. Illi fejn obbligazzjoni hija waħda ta' bixra kummerċjali, is-solidarjetà hija preżunta, sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju[11]. Il-Qorti tqis li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ftehim mertu tal-każ huwa obbligazzjoni kummerċjali kif mifhum fil-liġi. Minbarra dan, is-solidarjetà fl-imsemmi ftehim ġiet espressament stipulata taħt il-kundizzjonijiet u fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra marbuta mal-ħlas lill-appellata;

19. Illi l-liġi tgħid li kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom[12] u tistenna li l-partijiet iwettqu b'bona fidi dak li jkunu daħlu għalih fil-ftehim, kemm f'dak li jingħad fihom u kif ukoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha[13]. Fejn il-kuntratt ikun magħmul f'kitba, kitba ta' ftehim bejn partijiet hija meqjusa bħala r-rifless ta' dak li l-istess partijiet riedu jaqblu dwaru. Għalhekk, ir-regola li *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji[14]. Kemm hu hekk, dwar

---

[9] Art. 1094 tal-Kap 16
[10] Caruana Galizia Notes on Civil Law: Obligations pp. 383 – 4
[11] Art. 115 tal-Kap 13
[12] Art. 992(1) tal-Kap 16
[13] Art. 993 tal-Kap 16
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)

tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba[15]; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali[16];

20. Illi r-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim, (ii) il-ftehim ikun simulat, (iii) l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) meta jqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ippruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta mal-ftehim miktub ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu[17];

---

[15] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et***

[16] App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.221**) u l-għadd ta' riferenzi hemm imsemmija

[17] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Amante Caruana vs Saveria Bonniċi***

21. Illi għal dak li jirrigwarda t-tifsir xieraq li jmissu jingħata lill-klawsoli maqbulin fi ftehim miktub, huwa aċċettat li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew b'mod li l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dakinhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[18]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[19]. Hekk li, fejn il-kliem f'kuntratt huwa ċar, ir-regola ġenerali hija li ma jeħtieġx li ssir interpretazzjoni ta' dak li jingħad[20];

22. Illi huwa daqstant minnu wkoll li l-fatt li kliem ta' konvenzjoni jkun jidher li huwa ċar, ma jfissirx li jkun tassew jirrifletti dak li fehmu l-partijiet b'mod li jista' jkun sostnut il-prinċipju li *in claris non fit interpretatio*[21]. F'każ bħal dak il-liġi trid li l-fehma tal-kontraenti tipprevali fuq il-kelma miktuba[22]. Il-Qorti tqis li din ir-regola ssib rilevanza aktar f'dik l-għamla ta' kuntratti ġenerali ("*standard form contracts*") fejn il-kundizzjonijiet ikunu mniżżla minn qabel u fejn il-klawsoli fihom ma jkunx il-frott ta' tfassil

[18] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe vs Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[19] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)
[20] Art. 1002 tal-Kap 16
[21] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Bank Ċentrali ta' Malta***
[22] Art. 1003 tal-Kap 16

bis-saħħa ta' negozjati. Il-ftehim mertu tal-kawża tallum huwa sewwasew wieħed minn dawn;

23. Illi l-Qorti tqis li, mill-provi mressqa, toħroġ stampa fejn l-aġir ta' SIT kien wieħed rappreżentattiv tal-interessi ta' IHL sa minn qabel ma kien iffirmat il-ftehim, liema aġir issokta b'mod konsistenti matul iż-żmien meta l-ftehim kien għadu miexi. B'mod partikolari, tinnota li l-metodi u prattiki ta' kif isiru l-prenotazzjonijiet, kif jgħaddi l-ħlas tal-fatturi u kif isir il-ħlas lill-appellata jixhdu li SIT kienet effettivament il-preżenza f'Malta ta' IHL u li qatt ma qanqlet dubju dwar dan sakemm il-kuntratt ma ltaqax mal-maltemp. Jidher ukoll li SIT innifisha kienet tippreżenta lilha nnifisha bħala li qiegħda taġixxi f'isem IHL. Dan joħroġ mill-fatti ippruvati kif ġrawvi u kif ukoll minn dikjarazzjoni magħmula minn rappreżentant tagħha waqt smigħ quddiem l-ewwel Qorti[23]. Wieħed hawnhekk irid jgħid li dak li jiġi verbaliżżat waqt smigħ quddiem qorti jikkostitwixxi kważi-kuntratt ġudizzjali fuq il-parti li minnha jew dwarha jkun sar[24]. B'żieda ma' dan kollu, ma jidhirx verosimili li SIT dehret fuq il-ftehim biss f'isimha u biex tasserixxi xi interess kummerċjali jew finanzjarju tagħha fuq in-negozju li hija tgħid li sar bejn l-appellata u IHL, u bla ma teżisti l-ebda klawsola li tirrifleti jew tirregola tali interessi. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-appellata li ftit li xejn jagħmel sens li SIT tidher fuq ftehim bħal dak mertu

---

[23] Ara l-verbal tas-smigħ tat-12.1.2012 f'paġ. 34 tal-proċess fejn, fost ħwejjeġ oħrajn, Anthony Rossi fuq SIT jgħid li " .. *meta innegozjat ma' Eden, kienet qed tagħmel hekk għan-nom ta' Intasun*"

[24] App. Inf. PS **16.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farruġia vs Grezzju Farruġia et***

tal-każ jekk mhux għaliex tkun qed tagħmel hekk f'isem u għan-nom tal-"*provider*";

24. Illi l-Qorti jidhrilha li, fid-dawl tal-provi riżultanti u bi tħaddim tal-prinċipji fuq imsemmija, SIT kienet qiegħda tidher għal IHL fil-ftehim mertu tal-każ u dan bl-effetti kollha li dik l-għażla ġġib magħha fit-tħaddim u fl-eżekuzzjoni tal-istess ftehim. B'dan il-mod, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel Qorti fissret sewwa l-klawsoli tal-ftehim u taqbel mal-konklużjoni tagħha dwar l-irwol veru ta' SIT f'din il-ġrajja;

25. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux sejra tilqgħu;

26. Illi fit-**tieni aggravju** tagħha SIT tgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx kif kellu jkun l-effetti legali tal-prenotazzjonijiet kondizzjonati li kienu jseħħu bejn il-partijiet. Dan l-ilment jirreferi għall-kundizzjoni ('*disclaimer*') li kienet stampata fuq ir-"*Reservation Voucher*" li SIT kienet tibgħat lill-appellata biex din tipprovdi akkomodazzjoni fil-lukanda tagħha għall-klijenti ta' IHL[25]. F'dik il-parti stampata, SIT kienet tindika lilha nnifisha bħala l-aġent tal-operatur turistiku (f'dan il-każ, IHL) u mbagħad kien hemm dan il-kliem: "*Payment will be affected (sic) on receipt of payment from the Tour Operator referred to above and therefore S.I.T. is not*

[25] Ara eżempju tagħhoma f'Dokti "TR1" sa "TR3", f'paġġ. 147 – 150 tal-proċess

*assuming responsibility for payment unless it receives payment from the Tour Operator*". Dik il-'*voucher*' kienet tintbagħat lill-appellata ma' kull klijent li jkun ġej joqgħod fil-lukanda tagħha u l-appellata kienet mitluba tiffirmah;

27. Illi l-aggravju tal-appellanti ġej mill-fatt li l-ewwel Qorti qieset li dik il-parti stampata kienet biss dikjarazzjoni unilaterali ta' SIT li ma torbotx lill-appellata u żiedet tgħid li l-fatt li l-'*vouchers*' kienu jintbagħtu għand l-appellata ma jfissirx li b'daqshekk inġabet prova li din kienet tiffirmahom jew li kienet aċċettat dik il-kundizzjoni, aktar u aktar meta l-kontijiet li kienet toħroġ l-appellata għall-akkomodazzjoni tal-klijenti ta' IHL kienu jkunu indirizzati lil SIT. SIT tgħid li bis-saħħa ta' dik id-'*disclaimer*' hija kienet waqqgħet xi possibilità ta' solidarjetà passiva (flimkien ma' IHL) mnissla fil-ftehim. Hija tgħid li, kontra dak li jingħad fis-sentenza appellata, impjegati ta' l-appellata fit-taqsima tal-prenotazzjonijiet kellhom kull setgħa li jorbtu lill-appellata prinċipal tagħhom. Iżżid tgħid li n-nuqqas ta' firma min-naħa tal-appellata ma jfisser xejn għaliex il-'*voucher*' kien ikun konfermat bil-posta elettronika min-naħa tal-appellata stess u kull sura ta' konferma kienet tkun biżżejjed bħala prova tal-aċċettazzjoni tal-kundizzjoni, ladarba l-liġi ma titlobx il-forma miktuba f'każijiet bħal dawn.

28. Illi l-appellata twarrab għal kollox l-argumenti ta' SIT dwar dan it-tieni aggravju. Hija tgħid li l-'*voucher*' u d-'*disclaimer*' ma huma prova ta'

xejn għajr tentattiv unilaterali min-naħa ta' SIT li tibdel dak li kienet intrabtet bih. Hija tgħid ukoll li, bis-sottomissjonijiet taħt dan l-aggravju, SIT tħott it-teżi kollha tagħha fl-ewwel aggravju u matul is-smigħ kollu tal-kawża li hija ma kinitx resqet fuq il-ftehim f'isem IHL;

29. Illi din il-Qorti, fl-ewwel lok, tqis li hija ħaġa loġika li l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju jinbnew fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmulin minnha taħt l-ewwel wieħed. Dan tagħmlu l-istess SIT li tressaq dan l-aggravju bħala difiża sussidjarja f'każ li l-ewwel aggravju ma jintlaqax u din il-Qorti kellha ssib – kif fil-fatt sabet – li kien hemm solidarjetà passiva bejnha u IHL. Bir-raġunament ta' SIT, madankollu, tqum sitwazzjoni anomala għaliex ma tispjegax kif, b'għażla unilaterali u minn jeddu ta' wieħed mill-kondebituri, jistgħu jinbidlu jew jitneħħew ir-rabtiet kuntrattwali li jkunu ġew maqbula mill-kondebituri l-oħrajn bi ħsara għalihom u xejn anqas bi ħsara għall-kreditur tal-istess obbligazzjoni. Fit-tieni lok, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li f'kuntratti sinallagmatiċi mhuwiex mogħti lil xi waħda mil-partijiet li tibdel jew tħassar xi patt jew kundizzjoni jekk mhux bil-qbil mal-partijiet l-oħrajn[26]. Ma hemmx dubju li d-'*disclaimer*' mhuwiex kompatibbli mal-klawsola tal-ftehim li titkellem fuq ir-rabta *in solidum* dwar il-ħlasijiet. Fit-tielet lok, l-argument ta' SIT li l-appellata kellha dejjem l-għażla u l-jedd li tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjoni jfisser li, biex tagħmel hekk u ma tirrinunzjax għall-

[26] Art. 992(2) tal-Kap 16

patti dwar is-solidarjetà, il-ftehim ma jibqax aktar eżegwibbli għaliex in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-'*voucher*' kien ikun ifisser li l-għoti tas-servizzi li l-ftehim kien jikkontempla kien jinġab fix-xejn. Tifsira bħal din ta' dik il-kundizzjoni tmur kontra waħda mir-regoli tal-liġi dwar it-tifsir tal-kuntratti[27];

30. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan it-tieni aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

***Decide:***

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpannija intimata appellanti S.I.T. Special Interest Travel Limited mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u tikkonferma għal kollox l-imsemmija sentenza, bl-**ispejjeż** kontra l-istess appellanti. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb

[27] Art. 1004 tal-Kap 16